**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Lulju 2022**

**Kumpilazzjoni Numru: 1066/2008 MLF**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

***Omissis***
***Omissis***
**Alexia Cross**
***Omissis***

**DIGRIET**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-imputata tas-6 ta' Gunju 2022 fejn ghar-ragunijiet fih premessi talbet lil din il-Qorti sabiex din il-Qorti taghmel riferenza kostituzzjonali fuq is-segwenti kwistjonijiet:

(i) Li d-dritt tal-imputata ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 gie lez,

peress li ma nghatatx dritt ghal assistenza legali qabel u matul ir-rilaxx tal-istqarrija; u

(ii) Gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-imputata kontemplati fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnidem, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress li d-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ottubru 2021, eskluda lill-imputata mill-beneficju tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, frott ta' nuqqas ta' *"foreseeability"* fil-ligi, fil-komputazzjoni tas-seba' snin prigunerija

2. Rat ir-risposta tal-Prosekuzzjoni ghal dan ir-rikors, fejn ghar-ragunijiet fih premessi oggezzjonat ghat-talba.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

3. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jippreskrivi illi:

*"Jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja ... ..."* L-istess dicitura tinstab fl-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Konsegwentement sabiex din il-Qorti taghmel ir-riferenza kostituzzjonali mitluba, hija trid tkun sodisfatta illi l-kwistjoni sollevata ma tkunx wahda semplicement frivola <u>jew</u> vessatorja. Fis-sentenza **Alan Mifsud vs L-Avukat Generali** deciza fit-23 ta' Novembru 1990, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi:

*"Il-Qorti tifehem illi "frivola" riferibbilment ghall-kwistjoni Kostituzzjonali li tigi sollevata quddiem xi qorti – barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili – tfisser li dik il-kwistjoni hija ta' ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens, li ma jisthoqqilix attenzjoni; waqt li "vessatorja"*

*tfisser li l-kwistjoni giet sollevata minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti."*

5. Fil-kaz odjern, l-imputata qed titlob riferenza kostituzzjonali ghal zewg ragunijiet separati u distinti minn xulxin, u ghaldaqstant din il-Qorti sejra tikkunsidra kull wahda minn dawn ir-ragunijiet separatament, sabiex tara jekk it-tqanqil ta' xi wahda jew iktar minn dawn il-kwistjonijiet huwiex frivolu jew vessatorju.

*(i)* *Il-Kwistjoni tan-Nuqqas ta' Assistenza Legali tal-Imputata qabel u waqt l-interrogatorji taghha*

6. Mhux kontestat li l-istqarrijiet *de quo* ittiehdu skond dak li jipprovdi l-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, u cioe ma gewx moghtija involontarjament *"jew tkun mgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."* Pero l-istqarrijiet ma gewx moghtija in konformita ma' l-esigenzi tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u interpretat kemm mill-Qorti Ewropea kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali, billi fiz-zmien li fih ittiehdu l-istqarrijiet de quo – u cioe fl-2008 - il-ligi Maltija ma kienitx tipprovdi li l-imputat seta' jitlob l-assistenza legali qabel u waqt l-interrogazzjoni.

7. Fil-fehma ta' din il-Qorti, certament ma jistghax jinghad li din il-kwistjoni dwar l-istqarrijiet imqanqla mid-difiza hija wahda semplicement frivola meta, wiehed jikkonsidra li l-Qorti Kostituzzjonali f'dawn l-ahhar snin tat diversi sentenzi fejn fihom sabet ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex *inter alia* ir-rikorrenti f'dawk il-kawzi, bhall-imputata odjerna, irrilaxxaw l-istqarrija taghhom fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tipprovdi ghal assistenza legali qabel u waqt l-interrogatorju.

8. Pero wiehed irid jara wkoll jekk it-tqanqil ta' din il-kwistjoni hux vessatorju.

9. Ghalkemm fl-ordinament guridiku Malti m'ghandniex id-dottrina tal-precedent, il-Qorti Kostituzzjonali hija l-oghla Qorti tal-pajjiz, u ghalhekk is-sentenzi moghtija minn din il-Qorti bil-fors li ghandhom element perswasiv qawwi u jinfluwixxu fuq is-sentenzi moghtija mill-qrati l-ohra tal-pajjiz, inkluza ovvjament fuq dawk moghtija

minn din il-Qorti. Huwa vera li sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali torbot biss lill-partijiet f'dik il-kawza, pero l-insenjament li johrog minn dik is-sentenza jghodd ghall-Qrati l-ohrajn kollha.

10. Fil-fatt fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Bugeja et** deciza fit-22 ta' Gunju 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali regghet irriteniet hekk:

11. *"13. Illi huwa indubitat … … illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll Ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ Philippe Beuze vs il-Belġju (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u Farrugia vs Malta illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' Salduz u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.*

… …

*18. Illi allura, għalkemm l-Avukat Ġenerali jista' jkollu raġun fl-ilment minnu ventilat dirett lejn is-sentenza appellata, u għalkemm huwa minnu wkoll illi l-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq jista' jkun mistħarreġ unikament meta jintemm il-proċess penali fl-intier tiegħu, madanakollu qed tingħata direzzjoni lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali mill-istess Qorti Kostituzzjonali sabiex din il-prova titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Illi fil-fehma tal-Qorti dan għandu jseħħ iktar u iktar f'dan il-każ fejn ir-restrizjoni għal jedd tal-assistenza legali kienet waħda*

*sistematika fejn fl-ebda stadju tal-istħarriġ, kemm dak tal-pulizija kif ukoll dak dwar l-in genere l-appellati ma kienu mogħtija difiża adegwata sabiex jiddefendu ruħhom mill-periklu tal-awto-inkriminazzjoni.*

*19. Illi llum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li l-fehma ta' din il-Qorti tkun konsoni mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom sub iudice. Dan għalkemm id-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha."*

12. Konsegwentement, ma huwiex logiku li wiehed jahseb li din il-Qorti sejra kapriccosament tinjora l-insenjament u d-direzzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, li issa giet segwita minn diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali – li tat diversi sentenzi fis-sens li specjalment f'kazijiet bhal dak odjern fejn l-istqarrija tkun ittiehdet qabel is-sena 2010, l-istqarrija ghandha titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

13. Ghalhekk ma hemm l-ebda sens logiku li din il-Qorti taghmel riferenza kostituzzjonali, ghax il-Qorti Kostituzzjonali ga iddecidet il-punt sollevat mill-imputata u idderigiet il-Qorti gudikanti kif ghandha tirregola ruhha.

14. Effettivament din il-Qorti hija pjuttost perplessa b'din it-talba ghal riferenza kostituzzjonali fuq din il-kwistjoni, stante li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tas-26 ta' Lulju 2019, id-difiza stess qalet hekk:[1]

*"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li minkejja li l-Prosekuzzjoni ghamlet riferenza ampja ghall-istqarrijiet tal-imputata, fl-umli fehma tad-Difiza, dawn ghandhom jigu t-tnejn sfilzati, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m'ghandha tiehu l-ebda konjizzjoni taghhom. Dan peress illi a skorta gurisprudenza, gie stabbilit illi stqarrija mehuda fl-*

[1] Ara fol. 603 tal-process.

*assenza tal-avukat difensur tal-persuna investigata, anke waqt l-istadju tal-investigazzjoni, u waqt it-tehid tal-istess stqarrija nfisha tkun ttiehdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghall-smiegh xieraq."*

15. Dan ifisser li d-difiza hija ben konsapevoli tas-sentenzi kostituzzjonali in materja, u li hemm rimedju ordinarju li setghet titlob – u li effettivament talbet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha - lil din il-Qorti sabiex ma jkunx hemm ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq, u li ma kienx mehtieg li ssir riferenza kostituzzjonali fuq din il-kwistjoni.

16. Ghal kull buon fini, din il-Qorti qieghda tiddikjara minn issa li hija ser issegwi skrupolozament dawn id-direzzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, u konsegwentement ma hemmx il-htiega li issir riferenza kostituzzjonali fuq materja ga deciza awtorevolment, recentement u bla ekwivoku mill-Qorti Kostituzzjonali. F'dan is-sens, din it-talba tad-difiza ghal riferenza kostituzzjonali hija vessatorja.

*<u>(ii) Il-Kwistjoni tan-nuqqas ta' certezza ta' dritt kreat bid-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ottubru 2021</u>*

17. Fit-tieni lok, l-imputata qieghda titlob riferenza kostituzzjonali ghaliex skond hi, id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Ottubru 2021 li bih giet michuda t-talba taghha li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha sanciti fl-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

18. F'dan id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2021, din il-Qorti kienet iddikjarat li l-imputata ma tissodisfax l-ewwel rekwizit preskritt fl-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 sabiex hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, stante li l-piena ghar-reati li hija tinsab mixlija bihom teccedi s-seba' (7) snin prigunerija, u konsegwentement cahdet it-talba taghha maghmula fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2021 sabiex tassumi il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

19. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jittrattaw dwar id-dritt ghal smiegh xieraq. L-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jippreskrivi hekk:

*"Hadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."*

20. Il-Qorti tibda biex tosserva li qabel ma tat dan id-digriet hija tat lill-partijiet il-fakolta li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni sollevata minnha *ex officio* u cioe jekk il-piena tar-reati li bih l-imputata odjerna hi akkuzata ma teccedix is-seba' snin prigunerija – li effettivament hu l-ewwel rekwizit sabiex din il-Qorti tista' tikkunsidra t-talba taghha sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Kien ghal din ir-raguni li fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2021 din il-Qorti issollevat din il-kwistjoni *ex officio* u talbet lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward.

21. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza stranament ma ghamlet l-ebda sottomissjoni fuq il-kwistjoni jekk il-piena ghar-reat li bihom kienet mixlija kienitx tecceda s-seba' (7) snin prigunerija, izda sempliciment strahet fuq in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-Prosekuzzjoni ghat-talba taghha, u ghalhekk talbet lil din il-Qorti li tawtorizzaha ggib il-provi mehtiega, kif ukoll tahtar espert fejn jisma' lill-imputata u lil dawk koncernati u eventwalment jirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi.

22. Fir-rikors odjern tas-6 ta' Gunju 2022, id-difiza qieghda tilmenta li l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 dwar kif ghandha tigi kalkulata l-piena, ma kienitx wahda korretta, kienet interpretazzjoni ristrettiva, u tilledilha d-drittijiet taghha ghal smiegh xieraq u li ma tigix assogettata ghal piena aktar harxa minn dik preskritta meta gew kommessi r-reati *de quo.*

23. Fir-rikors taghha l-imputata tghid li fil-komputazzjoni tar-reati kontemplati, *"inghaddu r-reati kollha inkluz s-sentenzi sospizi ma xulxin"*. Dan m'huwiex fattwalment korrett. Fil-fatt fil-paragrafu numru 8 tad-digriet in kwistjoni, din il-Qorti qalet testwalment hekk:

*"L-imputata hija akkuzata wkoll li ikkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' tlett sentenzi sospizi, li mhux se jigu kkunsidrati ghal fini ta' dan l-ezercizzju."*[2]

[2] Ara fol. 640 tal-process.

24. Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti – stante li dan l-ilment huwa redatt bl-aktar mod ingarbuljat – l-imputata qed tilmenta mill-fatt li l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 kienet nieqsa minn dak li hija issejjah *"foreseeability"* u ghalhekk kien hemm lezjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u tad-dritt ghal smiegh xieraq kif preskritt fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti tibda biex tghid li ma tistax tifhem kif d-difiza qed tilmenta mill-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti lill-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537, meta l-istess difiza naqset li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar kif kellu jigi interpretat dan l-Artikolu 8(1), meta inghatat l-opportunita li taghmel dan. Effettivament, fir-rikors odjern id-difiza lanqas iccitat digriet jew sentenza wahda li hi wahda in sostenn tat-tezi taghha tal-mod ta' kif ghandu jigi interpretat dan l-Artikolu 8(1). L-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-Artikolu 8(1), hija l-istess interpretazzjoni li din il-Qorti, kif preseduta dejjem tat lil dan l-Artikolu mis-sena 2015, meta gie promulgat il-Kapitolu 537 – ara fost ohrajn, id-digrieti taghha **Il-Pulizija vs Josef Sharfield** tad-9 ta' Settembru 2019, u **Il-Pulizija vs Clint Cauchi** tat-8 ta' Gunju 2020. Id-difiza ma iccitat l-ebda digriet jew sentenza li ma qablitx mal-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti kif preseduta. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-interpetazzjoni li hija tat lill-Artikolu 8(1) hija dik konformi mal-kliem uzat mil-legislatur, u hija interpretazzjoni prevedibbli hafna, u l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata skond il-kliem uzat mil-legislatur. L-imputata m'ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tindika fejn id-digriet ta' din il-Qorti in kwistjoni kien jippekka milli jaghti certezza legali – hlief li tghid li hi ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni tal-ligi moghtija minn din il-Qorti. Certament, l-opinjoni dwar l-interpretazzjoni tal-ligi tal-imputata ma jsarrafx f'nuqqas ta' certezza ta' dritt ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewopea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni .

25. Ovvjament, fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza qed tonqos li tghid, li sabiex ikun applikabbli il-Kapitolu 537 fil-konfront taghha, ir-reati mhux biss ma jkunux iridu jeccedu is-seba' (7) snin prigunerija, izda hija tkun tissodisfa wkoll ir-rekwiziti l-ohra preskritti fl-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537. Id-difiza targumenta li ghaliex skond hi, il-piena ghar-reati dedotti kontriha ma teccedix is-seba' (7) snin prigunerija, allura din il-Qorti awtomatikament ghandha tassumi l-funzjonijiet tal-Qorti dwar id-Droga, u din certament ma hix il-posizzjoni legali.

26. Pero anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi koncess li l-interpretazzjoni tal-imputata hija il-wahda korretta, u jekk ghall-grazzja tal-argument biss, l-imputata tikkwalifika skond l-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537 – u f'dan ir-rikors hi lanqas qed tallega li tissodisfa r-rekwiziti ta' dan l-Artikolu 8(2) - din il-Qorti ma tista bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni tifhem kif dan jista' jgib li l-imputata se tigi soggetta ghal piena iktar harxa minn dik li kienet applikabbli meta gew kommessi r-reati. Ir-reati gew allegatament kommessi fl-2008, u ghalhekk f'kaz ta' sejbien ta' htija huma il-pieni applikabbli fl-2008 li ghandhom jigu inflitti. Il-Kapitolu 537 gie promulgat fl-2015 – u cioe seba' snin wara li allegatament gew kommessi r-reati li bihom l-imputata hi mixlija. L-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 jippreskrivi illi l-Qorti dwar id-Droga, *"tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja."* Fil-kaz odjern, anke f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputata, ir-reati li bihom hija mixlija ma jgorrux piena ta' terminu minimu mandatorju ta' prigunerija, l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew l-eskluzjoni li tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tifhem, xi pregudizzju l-imputata ser issofri fir-rigward tal-piena ghax ma jigix applikat il-Kapitolu 537 fil-konfront taghha.

27. Ghal dawn ir-ragunijiet, din it-tieni kwistjoni sollevata mid-difiza hija manifestament mhux biss frivola izda anke vessatorja.

**Konkluzjoni**

28. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba tad-difiza fir-rikors taghha tas-6 ta' Gunju 2022 ghal riferenza kostituzzjonali, u tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

| | |
|---|---|
| | **Doreen Pickard** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |